31993R2040

L 185/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 28.7.1993

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI Nru 2040/93

tas-27 ta' Lulju 1993

li jistabbilixxi l-ammont ta' għajnuna ta' produzzjoni għall-patata għall-konsum uman fil-Madeira u l-ammonti ta' għajnuna ta' produzzjoni għall-patata taż-żriegħ u l-indivja fl-Azores iffissata f'EKU mill-Kunsill u mnaqqsa bħala riżultat ta' aġġustamenti monetarji

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3813/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar il-unit ta' kont u r-rati ta' konverżjoni li għandhom jiġu applikati għall-għanijiet tal-politika komuni agrikola [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3824/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 li jemenda il-prezzijiet u l-ammonti ffissati f'EKU bħala riżultat ta' l-aġġustamenti monetarji ta'Settembru u Novembru 1992 [2], kif l-aħħar emendati bir-Regolament (KEE) Nru 1663/93 [3], li jistabbilixxi l-lista ta' prezzijiet u ammonti effetwati bil-koeffiċjent ta' 1,013088 iffissat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 537/93 [4], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1331/93 [5], mill-bidu tas-sena tas-suq 1993/94 taħt l-arranġamenti ta' żarmar awtomatiku ta' differenzi monetarji negattivi; billi l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 3824/92 jipprovdi illi t-tnaqqis fil-prezzijiet u l-ammonti li jirriżulta għandu jkun speċifikat għal kull settur u l-valur tal-prezzijiet imnaqqsa għandu jiġi ffissat;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1600/92 [6], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3714/92 [7], jiffissa l-għajnuna għall-produzzjoni lokali ta' patata għall-konsum uman fil-Madeira u għall-patata taż-żriegħ u ndivja fl-Azores; billi l-ammonti ta' għajnuniet għandhom jiġu ffissati skond id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat li Jimmaniġġa ż-żrieragħ,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-għajnuniet li għalihom jirrferu l-Artikoli 16 u 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1600/92, imnaqqsa skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 3824/92, huma b'dan iffissat f'EKU 494 kull ettaru.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara dak li fih jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika mill-1 ta' Lulju 1993.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.
[2] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 29.
[3] ĠU L 158, tat-30.6.1993, p. 18.
[4] ĠU L 57, ta' l-10.3.1993, p. 18.
[5] ĠU L 132, tad-29.5.1993, p. 114.
[6] ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 1.
[7] ĠU L 378, tat-23.12.1992, p. 23.